MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2000

Citazzjoni Numru. 945/2000/1

**Edwin BONELLO**

**vs**

**Anne JENKINS gja ZARB.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni ipprezentat fis-16 ta’ Mejju, 2000, li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni li kienet ilha bosta snin u kienu jghixu daqs li kieku mizzewgin tant li anke kellhom it- tarbija Nikolai;

Illi l-konvenuta fil-kors ta’ din ir-relazzjoni kienet insistiet ma’ l-attur li jekk ried ikompli b’din ir-relazzjoni maghha huwa ried jaghtiha xi xorta ta’ sigurta’ biex f’kaz li jiddeciedi li jitlaqa’ ikollha xi forma ta’ sigurta’;

Illi l-attur accetta li jaghti din il-garanzija bil-kundizzjoni rizoluttiva li f’kaz li tkun il-konvenuta li titilqu, dak kollu li ser jghaddilha f’isimha u jinxtara f’isimha bi flusu jirriverti lura ghandu, liema kundizzjoni ghalkemm ma gietx espressament miftiehma bil-miktub bejn il-kontendenti kienet implicita fil-kuntratti u transazzjonijiet imsemmija aktar ‘l isfel u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Illi fil-11 ta’ Dicembru 1989 l-attur in linea mal-ftehim sudett, ittrasferixxa lill-konvenuta nofs l-ishma li kellu fis-socjeta’ kummercjali Caterina Investments Limited u cioe’ elfejn (2000) sehem ordinarju u dan kif jirrizulta mill-anness Dokument A;

Illi dejjem in linea mal-ftehim sudett il-kontendenti kienu xtraw flimkien porzjon art tal-kejl cirka ta’ mitejn u sebgha u tletin punt erbgha wiehed metri kwadri (237.41m2) libera u franka kif ahjar deskritta fl-atti tal-akkwist tad-29 ta’ April 1991, fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone liema art kienet inxtrat minghand G and Z Construction Limited (Ara Dokukment B) u fuq liema art illum hemm kostruwita villa li fiha kienu jabitaw il- partijiet;

Illi anke meta nxtrat l-art kif ukoll meta giet kostruwita l-villa dan kollu sar minn flejjes li hareg l-istess esponent u dan peress illi kemm ix-xiri ta’ l-art in parti f’isem il-konvenuta u kif ukoll il-finanzjament tal-kostruzzjoni giet mwettaq fid-dawl tal-ftehim ezistenti bejn il-kontendenti;

Illi l-konvenuta ghazlet li ma tkomplix bir-relazzjoni taghha ma’ l-attur u allura avverrat ruhha il-kundizzjoni rizoluttiva implicita li kemm l-ishma fuq imsemmija illum intestati f’isem l-istess il-konvenuta u kif ukoll in-nofs indiviz tal-proprjeta’ fuq imsemmija ghandhom jigu, kwantu ghall-ishma ritornati lill-attur, kwantu ghall-immobbli jigi assenjat in-nofs indiviz taghha bil- benefikati kollha eretti fuqha ghal fuq isem l-attur;

Illi sa ftit zmien ilu, l-istess konvenuta irrikonoxxiet li kellha l-obbligu li trodd lura lill-attur l-ishma u tittrasferixxi n-nofs indiviz tal-immobbli in kwistjoni u wriet b’mod univoku din id-disponibilita’ purke jitnehhew kull garanziji bankarji li kienu jikkolpixxu lill-istess konvenuta u lill-proprjeta’ taghha;

Illi llum kull ma l-konvenuta trid tittrasferixxi huwa n-nofs indiviz tal-immobbli pero’, kontra kull ftehim, qeghda tinsisti li ghandha tirritjeni l-ishma tas-socjeta’ sudetta f’isimha;

Illi l-attur informa lill-konvenuta li huwa ma kienx lest li jersaq ghat-trasferiment tan-nofs indiviz tal-immobbli biss, izda in konsonanza mal-ftehim ezistenti bejniethom, il-konvenuta kellha ukoll tittrasferixxi lura l-elfejn (2000) sehem ordinarju fis-socjeta’ Catering Investments Limited;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija u prevja okkorrendo kull dikjarzzjoni mehtiega u opportuna li:

1. Tiddikjara li kienet il konvenuta li hassret ir-relazzjoni li kellha ma’ l-attur;

2. Sussegwentement tiddikjara li allura avvetrrat ruhha l-kundizzjoni rizoluttiva fuq imsemmija u dan ghal beneficcju tal-attur;

3. Tiddikjara bhala xjolt u tordna ghalhekk ir-rexissjoni tat-trasferiment li sar fil-11 ta’ Dicembru 1989 li permezz tieghu l-attur ttrasferixxa- ghal fuq l-imsemmija konvenuta elfejn (2000) sehem fis-socjeta’ Catering Investments Limited, u tqieghed lill-

kontendenti fil-posizzjoni li kienu qabel ma sar dan it-trasferiment u dan anke billi jekk okkorrendo jkun il-kaz taghti dawk l-ordnijiet u direttivi kollha necessarji biex l-attur jehles lill-konvenuta minn kull garanzija bankarja jew xorta ohra li taghti favur l-istess attur;

4. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tittrasferixxi f'isem l-attur in-nofs indiviz li prezentement jinsab intestat f'isimha tal-art bil-benefikati kollha li hemm eretti fuqha li tinsab Bahar ic-Caghaq limiti tal-Gharghur li giet akkwistata mill-kontendenti permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone tad-29 ta' April 1991 u ghall-fini tat-trasferiment imsemmi tahtar Nutar biex jircievi u jippubblika l-att opportun fil-hin u lok li tordna din il-Qorti u tahtar ukoll kuraturi biex jidhru ghall-eventwali kontumaci – kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjez u bil-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa, l-lista tax-xiehda tieghu u l-erba' (4) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat id-Degriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-26 ta' Mejju, 2000, li bih appuntat is-smiegh tal-kawza ghat-30 ta' Gunju, 2000;

Rat li l-konvenuta, notifikata fit-3 t'Awissu, 2000, bl-Att tac-Citazzjoni u bl-Avviz tas-Smiegh, ma ressqet l- ebda kontestazzjoni fiz-zmien moghti lilha mil-ligi dwar it-talbiet tal-attur u ghalhekk waqghet kontumaci;

Semghet lill-konvenuta, permezz tal-Avukat taghha meta l-kawza ssejhet l-ewwel darba ghas-smiegh, titlob li tinghata d-dritt li tikkontesta l-kawza u b'hekk tnehhi l-kontumacja taghha, ghal liema talba l-attur oppona;

Semghet lill-istess konvenuta bil-gurament;

Semghet lill-Avukati tal-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom;

Rat l-atti kollha rilevanti tal-kawza dwar dan l-episodju;

Rat id-Degriet taghha tas-27 t'Ottubru, 2000, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghall-provvediment dwar it-talba tal-konvenuta li tnehhi l-kontumacja taghha;

***Ikkunsidrat:***

Illi, mis-sottomissjonijiet mismugha minn din il-Qorti f'isem il-konvenuta, ir-raguni ewlenija li ghaliha l-konvenuta tghid li jkun xieraq u misthoqq li l-kontumacja taghha titnehha tikkonsisti fil-fatt li, meta giet mgharrfa bl-atti ta' din il-kawza, hasbithom atti ta' kawza ohra li hija ghandha kontra l-attur fuq kwestjoni li tixxiebah ma' din u dwar liema kawza hija kienet diga' ressqet il-kontestazzjoni taghha fiz-zmien li taghtiha l-ligi. Anzi, minhabba li meta laqghet l-atti ta' din il-kawza, il-kawza l-ohra kienet giet imhollija ghal data f'Ottubru ta' din is-sena stess, meta rat id-data tal-ewwel smiegh fl-Avviz tas-Smiegh, izjed ghamlet f'rasha li l-atti kienu jirreferu ghal dik il-kawza;

Irrisulta li l-konvenuta m'hijiex illitterata, anzi l-kuntrarju. Hija kkonfermat ukoll li taf taqra bil-Malti. Irrisulta, u dan ma jidhirx li huwa kontestat, li, ghall-konvenuta, din m'hijiex l-ewwel kawza li qeghda tidher fiha. Irrisulta wkoll li bejnha u l-attur hemm kwestjonijiet li qeghdin quddiem dawn il-Qrati;

Illi, kif gie deciz minn dawn il-Qrati ghadd ta' drabi, il-kontumcaja m'ghandhiex titqies bhala stqarrija jew ammissjoni ta' dak li qieghed jintalab mill-parti attrici: ghall-kuntrarju, il-kontumacja tqieset bhala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naha l-ohra, l-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, in-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi ghares lejh bhala ghamil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi – bhala element ta' disordni socjali [ara

Ap. Civ. Joseph Vella pro et noe vs John Vella maqtugha fil-**21 ta' Mejju, 1993**];

Fuq ix-xaqliba l-ohra, u minhabba l-effett irriversibbli li l- kontumacja ggib maghha, il-Qrati taghna ddecidew li r-rigorosita' tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumacja titqies gustifikata [ara PASP Paul Vella pro et noe vs Anthony Ellul, maqtugha fl-**4 ta' Lulju, 1991**];

Illi jrid jinghad ukoll li meta u jekk il-Qorti ssib li l-kontumacja ta' konvenut hija gustifikata u thalli lil dik il- parti tressaq id-difiza taghha, ma tkunx b'daqshekk biss titqies li qeghda tikkastiga lill-attur, imma biss tregga' f' postu l-ekwilibriju tal-partijiet fl-ahjar istruzzjoni tal-gudizzju. Wara kollox, kull min jiftah kawza kontra parti ohra (ghalkemm forsi jittama ghall-kuntrarju) dejjem jistenna li l-parti l-ohra, malli tircievi l-atti tac-Citazzjoni, sejra tressaq il-kontestazzjoni taghha;

Illi l-principji li jirregolaw jekk il-kontumacja hijiex bi htija jew le, gew ghadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-principji huma li: (a) il-kontumacja mhix gustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuza; (c) li jehtieg li biex tkun gustifikata tigi murija raguni gusta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raguni gusta trid tissarraf f'impediment legittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaci; minbarra dan, (f) sabiex zball ikun meqjus bhala impediment legittimu, irid ikun zball invincibbli b'mod li (g) l-impediment legittimu li jzomm lill-parti milli tressaq id-difiza taghha irid ikun dik li bnadi ohra ssejhet bhala *una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibbli;* u (h) li l-impossibilita' li l-imharrek jikkontesta t-talba jew li jidher ghas-subizzjoni trid tkun gravi u fizika, u eccezzjonalment biss, wahda morali [ara per ezempju Appell Civili Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici maqtugha fit-**12 ta' Dicembru, 1975**; u PAGV Joseph Naudi Montaldo nomine vs Emmanuel Xuereb maqtugha fis-**27 ta' Frar, 1995**];

Illi, minn dak li rrizulta waqt is-smiegh tal-provi, il-Qorti ssib li l-konvenuta seta' kellha raguni ghalxiex tahseb dak li hasbet, ukoll jekk wiehed jemmen il-versjoni taghha li, wkoll meta qrat l-Att tac-Citazzjoni, sabet li l-kontenut jixbah dak li jinghad fil-kawza l-ohra li diga' ghaddejja bejnha u l-attur. Min-naha l-ohra, minn mara tad-dehen taghha, wiehed jistenna li, kieku dak li rceviet kien replika tal-ewwel kawza, kien jidhol f'mohhha d-dubju li din it-tieni Citazzjoni mhix l-istess haga. Il-fatti, li madankollu, jaghtu kredibilita' lill-verzjoni taghha huma (a) l-ewwel, id-data qrib xulxin taz-zewg kawzi, (b) il-fatt li dehret fl-ewwel smiegh ta' din il-kawza u (c) in-nuqqas ta' cahda min-naha tal-attur li hemm kwestjoni ohra bejn il-partijiet quddiem dawn il-Qrati. Ghalkemm dawn ir-ragunijiet, fihom infushom, m'humiex certament xi *necessita' impellente*, lanqas ma jikkwalifikaw biex jitfghu fuq il-konvenuta d-dell ta' kontumacja kolpuza jew ta' disprezz;

Ghal dawn ir-ragunijiet, ghalhekk, din il-Qorti qeghda tiddeciedi l-episodju presenti billi:

Ssib li hemm raguni tajba bizzejjed biex il-konvenuta tithalla tikkontesta l-kawza billi tressaq l-eccezzjonijiet taghha ghat-talbiet tal-attur skond il-ligi;

U taghti lill-istess konvenuta zmien perentorju ta' ghoxrin (20) jum millum biex taghmel dan.

L-ispejjez ta' dan l-episodju jibqghu riservati ghad-decizjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------